32004D0576

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-29 April 2004
li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael

(2004/576/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Kummissjoni nnegozjat, għan-nom tal-Komunità, il-Ftehim dwar il-Koperazzjoni Xjentifika u Teknika ma' l-Istat ta' l-Iżrael (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ il-Ftehim).

(2) L-Ftehim kien iffirmat għan-nom tal-Komunità fl-10 ta' Ġunju 2003 fi Brussell, b'dan illi jiġi konkluż.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar Koperazzjoni Xjentifika u Teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' l-Iżrael huwa b'dan approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Ftehim diġa ġie ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi għan-nom tal-Komunità, jagħti n-notifikazzjoni li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 5 tal-Ftehim.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar id-29 ta' April 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL

---

[1] Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Marzu 2004 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 154, tal-21.6.2003, p. 80.